

MT

MT

MT



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 4.11.2010
KUMM(2010) 609 finali

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

Strateġija komprensiva dwar il-ħarsien tad-dejta personali fl-Unjoni Ewropea

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL- KUMITAT TAR-REĠJUNI

Strateġija komprensiva dwar il-ħarsien tad-dejta personali fl-Unjoni Ewropea

1. SFIDI ĠODDA GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DEJTA PERSONALI

Id-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Dejta¹ tal-1995 stabbilixxiet pass importanti fl-istorja tal-protezzjoni tad-dejta personali fl-Unjoni Ewropea. Id-Direttiva tonqox tnejn mill-ambizzjonijiet l-aktar qodma u ugwalment importanti tal-proċess Ewropew ta' integrazzjoni: il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali u l-libertajiet tal-individwi u b'mod partikolari d-dritt fundamentali tal-ħarsien tad-dejta, fuq naħa, u l-kisba tas-suq intern - il-fluss liberu tad-dejta personali f'dan il-każ - fuq in-naħa l-oħra.

Ħmistax-il sena wara, dan l-għan doppju għadu validu u l-prinċipji minquxa fid-Direttiva għadhom sodi. **Madanakollu, l-iżviluppi teknoloġiċi mgħaġġla u l-globalizzazzjoni biddlu b'mod profund id-dinja madwarna, u għabu sfidi ġodda għall-protezzjoni tad-dejta personali.**

Illum it-teknoloġija tippermetti lill-individwi li jiskambjaw faċilment l-informazzjoni dwar il-komportament u l-preferenzi tagħhom u li jagħmluhom disponibbli pubblikament u globalment fuq skala bla preċedenti. Is-siti tan-netwerking soċjali, b'mijiet ta' miljuni ta' membri nfirxu madwar id-dinja, forsi huma l-aktar eżempju ovvju, iżda mhux l-uniku, ta' dan il-fenomeni. 'Cloud computing' – jiġifieri użu tal-kompjuter bażat fuq l-internet fejn is-softwer, ir-riżorsi komuni u l-informazzjoni jinħażnu fuq server remot ('fis-sħab') – jista' wkoll jippreżenta sfidi għall-ħarsien tad-dejta minħabba li jista' jinvolvi telf ta' kontroll individwali fuq informazzjoni potenzjalment sensittiva meta persuni jaħżnu d-dejta ma' programmi li huma ospitati fuq il-hardwer ta' xi ħaddieħor. Studju riċenti kkonferma li jidher li hemm konverġenza tal-opinjoni – tal-Awtoritajiet tal-Ħarsien tad-Dejta, assoċjazzjonijiet tan-negozju u organizzazzjonijiet tal-konsumaturi - li r-riskji għall-privatezza u l-ħarsien tad-dejta personali assoċjati mal-attività onlajn qed jiżdiedu².

Fl-istess ħin, **il-metodi għall-għabra tad-dejta personali saru aktar elaborati u aktar diffiċli biex wieħed jinduna bihom.** Pereżempju, l-użu ta' għodod sofistikati jippermetti lill-operaturi ekonomiċi biex jimmiraw individwi permezz tal-monitoraġġ tal-komportament tagħhom. U l-użu li qed jiżdied ta' proċeduri li jippermetti l-għbir awtomatiku tad-dejta, bħall-biljetti elettroniċi tat-trasport, il-għbir tat-taxxi tat-toroq, jew ta' tagħmir ta' lokalizzazzjoni jagħmluha eħfef biex jiġi determinat il-post tal-individwi sempliċiment minħabba li jużaw tagħmir mobbli. L-awtoritajiet pubbliċi wkoll jużaw aktar u aktar dejta personali għal skopijiet varji, bħall-intraċċar tal-individwi fl-eventwalità li tfaqqa' marda li tittieħed, għall-prevenzjoni u l-għlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità b'mod aktar effettiv, biex

¹ Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24.10.1995 dwar il-ħarsien ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' din id-dejta (ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31).

² Ara *Study on the economic benefits of privacy enhancing technologies*, London Economics, Lulju 2010 (http://ec.europa.eu/justice/policies/privacy/docs/studies/final_report_pets_16_07_10_en.pdf), p.14

jamministraw skemi tas-sigurtà soċjali jew għal skopijiet tat-tassazzjoni, bħala parti mill-applikazzjonijiet tagħhom tal-gvern elettroniku eċċ.

Dan kollu inevitabbilment iqajjem il-mistoqsija jekk il-leġislazzjoni eżistenti għall-ħarsien tad-dejta tal-UE tistax tindirizza b'mod sħiħ u effettiv dawn l-isfidi.

Biex tindirizza din il-mistoqsija, il-Kummissjoni nediet reviżjoni tal-qafas legali kurrenti, fejn bdiet permezz ta' konferenza ta' livell għoli f'Mejju tal-2009, li ġiet segwita minn konsultazzjoni pubblika sat-tmiem tal-2009³. Thedew ukoll numru ta' studji.⁴

Is-sejbiet ikkonfermaw li l-prinċipji ewlenin tad-Direttiva għadhom validi u li l-karattru teknoloġikament newtrali tagħha għandu jiġi preservat. Madanakollu, għadd ta' kwistjonijiet ġew identifikati bħala problematiċi u li jgħibu sfidi speċifiċi. Fost dawn hemm:

- *L-indirizzar tal-impatt tat-teknoloġiji l-ġodda*

It-tweġibiet mill-konsultazzjonijiet, kemm minn organizzazzjonijiet kif ukoll minn individwi privati, kkonfermaw il-bżonn li tiġi ċċarata u speċifikata l-applikazzjoni tal-prinċipji tal-protezzjoni tad-dejta għat-teknoloġiji l-ġodda, sabiex jiġi żgurat li d-dejta personali tal-individwi tiġi protetta b'mod effettiv, tkun xi tkun it-teknoloġija użata għall-ipproċessar tad-dejta, u li l-kontrolluri tad-dejta jkunu konxji b'mod sħiħ tal-implikazzjonijiet tat-teknoloġiji l-ġodda fuq il-protezzjoni tad-dejta. Fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika, dan ġie indirizzat bid-Direttiva 2002/58/KE (l-hekk imsejħa d-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika)⁵, li tidħol fid-dettall u tikkumplementa d-Direttiva tal-Protezzjoni tad-Dejta generali⁶.

- *Titjib tad-dimensjoni tas-suq intern tal-ħarsien tad-dejta*

Waħda mill-preokkupazzjonijiet ewlenin rikorrenti tal-partijiet interessati, partikolarment kumpaniji multinazzjonali, hija n-nuqqas ta' armonizzazzjoni suffiċjenti bejn il-leġislazzjoni

³ Ara t-tweġibiet għall-konsultazzjoni pubblika tal-Kummissjoni: http://ec.europa.eu/justice/news/consulting_public/news/consulting_0003_en.htm. Matul l-2010 tlettqu konsultazzjonijiet aktar immirati mal-partijiet interessati. Il-Viċi-President Viviane Reding presediet ukoll laqgħa ta' livell għoli mal-partijiet interessati fil-5 ta' Ottubru 2010 fi Brussell. Il-Kummissjoni kkonsultat ukoll il-Grupp ta' Ħidma Artikolu 29, li ta kontribut komprensiv għall-konsultazzjoni tal-2009 (WP 168) u adotta opinjoni speċifika f'Lulju 2010 dwar il-kunċett tal-affidabbiltà (WP 173).

⁴ Barra l-Istudju dwar il-benefiċċji ekonomiċi tat-teknoloġiji li jtejbju l-privatezza (ċit., nota ta' qiegħ il-paġna 2), ara wkoll l-istudju komparattiv dwar strateġiji ġodda għall-isfidi għall-privatezza, b'mod partikolari fid-dawl tal-iżviluppi tekniċi, Jannar 2010 (http://ec.europa.eu/justice/policies/privacy/docs/studies/new_privacy_challenges/final_report_en.pdf). Għaddej ukoll studju għall-valutazzjoni tal-impatt għall-qafas legali tal-UE futur għall-protezzjoni tad-dejta personali.

⁵ Id-Direttiva Nru 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar ta' informazzjoni personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika) (ĠU L 201, tal-31.7.2002, p. 37).

⁶ Id-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Dejta 95/46/KE tistabbilixxi l-istandards dwar il-protezzjoni tad-dejta għall-atti leġislattivi kollha tal-UE, inkluż id-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika 2002/58/KE (emendata bid-Direttiva 2009/136/KE - ĠU L 337, 18.12.2009, p. 11). Id-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika tapplika għall-ipproċessar tad-dejta personali f'konnessjoni mad-dispożizzjoni ta' servizzi elettroniċi tal-komunikazzjoni disponibbli pubblikament fin-netwerks pubbliċi tal-komunikazzjoni. Hija tradučiet il-prinċipji stabbiliti fid-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Dejta f'regoli speċifiċi għas-settur tal-komunikazzjoni elettronika. Id-Direttiva 95/46/KE tapplika *inter alia* għas-servizzi tal-komunikazzjoni li m'humix pubbliċi.

dwar il-protezzjoni tad-dejta, minkejja l-qafas legali komuni tal-UE. Huma saħqu dwar il-bżonn li tiżdied iċ-ċertezza legali, li jitnaqqas il-piż amministrattiv u li jiġi żgurat livell ugwali għall-operaturi ekonomiċi u kontrolluri oħra tad-dejta.

- *Indirizzar tal-globalizzazzjoni u titjib fit-trasferiment tad-dejta internazzjonali*

Għadd ta' partijiet interessati ssottolineaw li ż-żieda fl-esternament tal-ipproċessar, ħafna drabi barra l-UE, tqajjem għadd ta' problemi f'relazzjoni mal-liġi applikabbli għall-ipproċessar u l-allokazzjoni tar-responsabbiltà assoċjata. Dwar it-trasferiment internazzjonali tad-dejta, għadd ta' organizzazzjonijiet qiesu li l-iskemi kurrenti m'humiex kompletament sodisfaċenti u jeħtieġ li jiġu riveduti sabiex it-trasferimenti jsiru aktar sempliċi u jkunu ta' anqas piż.

- *Provvediment ta' arranġament istituzzjonali aktar b'saħħtu għal infurzar effettiv tar-regoli tal-protezzjoni tad-dejta*

Hemm qbil bejn il-partijiet interessati li r-rwol tal-Awtoritajiet tal-Protezzjoni tal-Dejta jeħtieġ li jissaħħaħ sabiex jiġi żgurat aktar infurzar tar-regoli tal-ħarsien tad-dejta. Xi organizzazzjonijiet talbu wkoll aktar trasparenza fix-xogħol tal-Grupp ta' Ħidma Artikolu 29 (*ara 2.5. hawn taħt*) u kjarifika tal-ħidmiet u s-setgħat tiegħu.

- *Titjib tal-koerenza tal-qafas legali tal-protezzjoni tad-dejta*

Fil-konsultazzjoni pubblika, il-partijiet interessati kollha saħqu dwar il-bżonn ta' strument globali li japplika għall-operazzjonijiet tal-ipproċessar tad-dejta fis-setturi u l-politiki kollha tal-Unjoni, li jiżgura strateġija integrata kif ukoll protezzjoni konsistenti, effettiva u shiħa⁷.

L-isfidi t'hawn fuq, **jeħtieġu li l-UE tiżviluppa strateġija komprensiva u koerenti** li tiggarrantixxi li **d-dritt tal-protezzjoni tad-dejta għall-individwi jiġi rispett b'mod sħiħ fi ħdan l-UE u lil hinn minnha**. It-Trattat ta' Lisbona provda lill-UE bil-mezzi addizzjonali biex jinkiseb dan: il-Karta tal-UE dwar id-Drittijiet Fundamentali - bl-Artikolu 8 li jirrikonoxxi dritt awtonomu għall-protezzjoni tad-dejta personali - saret legalment vinkolanti, u ġie introdott bażi legali ġdid⁸ li jippermetti għat-twaqqif ta' leġiżlazzjoni komprensiva u koerenti tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar tad-dejta personali tagħhom u dwar il-moviment liberu ta' tali dejta. B'mod partikolari, il-bażyi legali ġdida tippermetti li l-UE jkollha strument legali uniku għar-regolazzjoni tal-protezzjoni tad-dejta, inkluż fl-oqsma tal-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja f'materji kriminali. Il-qasam tal-Politika Etera u ta' Sigurtà Komuni huwa kopert biss parzjalment mill-Artikolu 16 tat-TFUE, minħabba li regoli speċifiċi għall-ipproċessar tad-dejta mill-Istati Membri jridu jiġu stabbiliti minn Deċiżjoni tal-Kunsill bażata fuq bażyijiet legali differenti⁹.

Billi tibni fuq dawn il-possibiltajiet legali ġodda, il-Kummissjoni se tagħti l-ogħla prijorità lill-iżgurar tar-rispett għad-dritt fundamentali tal-protezzjoni tad-dejta madwar l-Unjoni u fil-politiki kollha tagħha, filwaqt li fl-istess ħin issaħħaħ id-dimensjoni tas-suq intern u tiffaċilita l-fluss ħieles tad-dejta personali. F'dan il-kuntest, drittijiet fundamentali oħra relevanti

⁷ F'kontribuzzjonijiet separati li saru wara t-tmiem tal-konsultazzjoni pubblika, il-Eurojust talbu sabiex minkejja kollox jittieħed kont tal-ispeċifitajiet tax-xogħol tagħhom fir-rigward tal-koordinament tal-infurzar tal-liġi u l-prevenzjoni tal-kriminalità.

⁸ Ara l-Artikolu 16 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

⁹ Ara l-Artikolu 16(2), l-aħħar paragrafu, TFUE, u l-Artikolu 39 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

minquxa fil-Karta, u għanijiet oħra fit-Trattati, iridu jiġu meqjusa b'mod sħiħ filwaqt li jiġi żgurati id-dritt fundamentali għall-protezzjoni tad-dejta personali.

Din il-Komunikazzjoni għandha l-intenzjoni li tistabbilixxi l-istrateġija tal-Kummissjoni għall-immodernizzar tas-sistema legali tal-UE għall-ħarsien tad-dejta personali fl-oqsma kollha ta' attività tal-Unjoni, filwaqt li tiegħu kont, b'mod partikolari, tal-isfidi li jirriżultaw mill-globalizzazzjoni u t-teknoloġiji l-ġodda, sabiex ikompli jiġi garantit il-*livell għoli* ta' protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar tad-dejta personali fl-oqsma kollha tal-attivitajiet tal-Unjoni. Dan jippermetti lill-UE li tibqa' forza li tippromwovi standards għoljin tal-protezzjoni tad-dejta madwar id-dinja.

2. GĦANIJET EWLENIN TAL-ISTRATEĠIJA KOMPRESIVA DWAR IL-PROTEZZJONI TAD-DEJTA

2.1. Tisħiħ tad-drittijiet tal-individwi

2.1.1. Żgurar ta' protezzjoni adatta għall-individwi fiċ-ċirkostanzi kollha

L-għan tar-regoli fl-istrumenti kurrenti tal-protezzjoni tad-dejta tal-UE huwa **li jitħarsu d-drittijiet fundamentali ta' persuni naturali u b'mod partikolari id-dritt tagħhom għall-ħarsien tad-dejta personali**, f'konformità mal-Karta tal-UE dwar id-Drittijiet Fundamentali¹⁰.

Il-kunċett ta' 'dejta personali' huwa wieħed mill-kunċetti ewlenin għall-protezzjoni ta' individwi mill-istrumenti kurrenti tal-UE għall-protezzjoni tad-dejta u jiskatta l-applikazzjonijiet tal-obbligi fuq il-kontrolluri tad-dejta u dawk li jipproċessawha.¹¹ Id-definizzjoni ta' 'dejta personali' għandha l-għan li tkopri l-informazzjoni kollha relatata ma' persuna identifikata jew identifikabbli, kemm direttament kif ukoll indirettament. Biex jiġi determinat jekk persuna hijiex identifikabbli, għandu jittieħed kont tal-'mezzi kollha li jistgħu jintużaw b'mod raġonevoli mill-kontrollur jew minn kwalunkwe persuna oħra biex tidentifika l-persuna konċernata¹². Din l-istrateġija magħżula bi ħsieb mil-leġislatur għandha l-benefiċċju tal-flessibbiltà, li tippermetti li tiġi applikata għal sitwazzjonijiet u żviluppi varji li jaffettwaw id-drittijiet fundamentali, inkluż dawk li ma setgħux jiġu preveduti meta ġiet adottata d-Direttiva. Madanakollu, konsegwenza ta' strateġija talment wiesgħa u flessibbli hija li hemm għadd ta' każijiet fejn meta tiġi implimentata d-Direttiva, ma jkunx dejjem ċar liema strateġija għandha tittieħed, jekk l-individwi jgawduwx mid-drittijiet tal-protezzjoni tad-dejta u jekk il-kontrolluri tad-dejta għandhomx jikkonformaw mal-obbligi previsti mid-Direttiva¹³.

Dawn huma sitwazzjonijiet li jinvolvu l-ipproċessar ta' informazzjoni speċifika li tkun teħtieġ miżuri addizzjonali taħt il-liġi tal-Unjoni. Tali miżuri diġà jeżistu f'xi każijiet. Pereżempju, il-

¹⁰ Ara l-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja, Każijiet C-101/01, 'Bodil Lindqvist', ECR [2003], I-1297, 96, 97, u C-275/06, *Productores de Música de España (Promusicae) v Telefónica de España SAU*, ECR [2008] I-271 Ara wkoll il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, eż. fil-każijiet: *S. and Marper v. ir-Renju Unit*, 4.12. 2008 (Applikazzjoni nri. 30562/04 u 30566/04) u *Rotaru v. Romania*, 4.5. 2000; nru. 28341/95, § 55, ECHR 2000-V.

¹¹ Ara d-definizzjonijiet 'kontrollur tad-dejta' u 'proċessar tad-dejta' fl-Artikolu 2(d) u (e) tad-Direttiva 95/46/KE.

¹² Ara l-Premessa 26 tad-Direttiva 95/46/KE

¹³ Ara pereżempju l-każ tal-indirizz tal-IP. Eżaminat fl-Artikolu 29 tal-Opinjoni tal-Grupp ta' Ħidma 4/2007 dwar il-kunċett ta' dejta personali (WP 136).

ħażna ta' informazzjoni fit-tagħmir tal-utent (eż. mowbajls) hija permess biss bil-kundizzjoni li l-individwu jkun ta l-kunsens tiegħu. Dan jista' jiġi indirizzat ukoll fil-livell tal-UE fir-rigward ta' eżempju dejta kodifikata, dejta dwar il-lokalizzazzjoni, teknoloġiji li jippermetti li tingħaqad dejta minn sorsi differenti biex tinkiseb dejta ġdida, jew każijiet fejn il-kunfidenzjalità u l-integrità fis-sistemi tat-teknoloġija tal-informazzjoni¹⁴ trid tiġi żgurata.

Il-kwistjonijiet t'hawn fuq kollha jeħtieġu eżaminazzjoni bir-reqqa.

Il-Kummissjoni se tqis kif tiżgura applikazzjoni ċara tar-regoli tal-protezzjoni tad-dejta, filwaqt li tiegħu kont tal-impatt tat-teknoloġiji l-ġodda dwar id-drittijiet u l-libertajiet tal-individwi u l-għan li tiġi żgurata ċ-ċirkolazzjoni ħielsa tad-dejta personali fi ħdan is-sug intern.

2.1.2. *Żieda fit-trasparenza għas-suġġetti tad-dejta*

It-trasparenza hija kundizzjoni fundamentali biex tippermetti lill-individwi jeżerċitaw kontroll fuq id-dejta tagħhom stess u biex jiżguraw protezzjoni effettiva tad-dejta personali. Huwa għalhekk essenzjali li l-individwi jiġu infurmati **tajjeb u b'mod ċar u trasparenti**, mill-kontrolluri tad-dejta dwar kif u minn min tinġabar u tiġi proċessata id-dejta tagħhom, għal liema raġunijiet, il-perjodu ta' żmien li fih tinżamm u x'inhuma d-drittijiet tagħhom jekk jkun jridu jaċċessawha, jirranġawha jew iħassruha. Id-dispożizzjonijiet rilevanti dwar l-informazzjoni li trid tingħata lis-suġġett tad-dejta¹⁵ m'humix suffiċjenti.

Elementi bażiċi tat-trasparenza huma l-kundizzjonijiet li **l-informazzjoni trid tkun aċċessibbli faċilment u faċli biex tinftiehem, u li jintuża lingwaġġ sempliċi u ċar**. Dan huwa rilevanti b'mod partikolari fl-ambjent onlajn, fejn spiss l-avviżi dwar il-privatezza ma jkunux ċari, diffiċli biex wieħed jaċċessahom, non-transparenti¹⁶ u mhux dejjem b'konformità sħiħa mar-regoli eżistenti. Każ fejn jista' jkun li qed issegg dan huwa fir-reklami onlajn bażati fuq il-komportament, fejn kemm il-proliferazzjoni tal-atturi involuti fil-forniment ta' dawn ir-reklami kif ukoll il-kumpleksità teknoloġika tal-prattika jagħmluha diffiċli għal individwu li jkun jaf u jifhem jekk hix qed tinġabar id-dejta personali, minn min u għal liema skop.

F'dan il-kuntest, **it-tfal** jistħoqqilhom protezzjoni speċifika, minħabba li huma anqas konxji tar-riskji, il-konsegwenzi, is-salvagwardji u d-drittijiet f'relazżjoni mal-ipproċessar tad-dejta personali¹⁷.

¹⁴ Ara per eżempju s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali Federali Ġermaniża (Bundesverfassungsgericht) tas-27 ta' Frar 2008, 1 BvR 370/07.

¹⁵ Ara l-Artikolu 10 u 11 tad-Direttiva 95/46/KE.

¹⁶ Servej tal-Eurobarometer li sar fl-2009 wera li madwar nofs ta' dawk li wiegħbu jqisu li n-notifiki dwar il-privatezza fil-websajts mhumiex ċari (ara Flash Eurobarometer Nru 282 : http://ec.europa.eu/public_opinion/flash/fl_282_en.pdf).

¹⁷ Ara l-istudju kwalitattiv Safer Internet for Children li jikkonċerna tfal ta' 9-10 snin u 12-14, li wera li t-tfal għandhom it-tendenza li jissottovalutaw ir-riskji marbuta mal-użu tal-Internet u jimminimizzaw il-konsegwenzi tal-imġiba riskjuża li huwa disponibbli fi: http://ec.europa.eu/information_society/activities/sip/surveys/qualitative/index_en.htm.

Il-Kummissjoni se tqis:

- li tintroduċi **prinċipju ġenerali ta' proċessar trasparenti** tad-dejta personali fil-qafas legali;
 - li tintroduċi **obbligi speċifiċi** għall-kontrolluri tad-dejta dwar it-tip ta' informazzjoni li trid tiġi provduta u dwar il-**modalitajiet** biex tipprovdihom, inkluż f'relazzjoni mat-**tfal**;
- it-tfassil ta' **formola/i standard tal-UE 'notifiki ta' informazzjoni dwar il-privatezza'**) li jintużaw mill-kontrolluri tad-dejta.

Huwa importanti wkoll għall-individwi li jiġu infurmati meta d-dejta tagħhom aċċidentalment jew b'mod illegali, titħassar, tintilef, tinbidel jew tiġi moqrija minn persuni mhux awtorizzati. Ir-reviżjoni riċenti dwar id-Direttiva tal-e-Privatezza introduċiet **notifika obligatorja ta' aċċess mhux awtorizzat tad-dejta personali** li tkopri, madanakollu, biss is-settur tat-telekomunikazzjoni. Minħabba li r-riskji ta' aċċess mhux awtorizzat għad-dejta jeżistu wkoll f'setturi oħra (eżempju. is-settur finanzjarju) il-Kummissjoni se teżamina l-modalitajiet għall-estensjoni tal-obbligu li jiġi notifikat aċċess mhux awtorizzat tad-dejta personali f'setturi oħra f'konformità mad-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar in-notifiki dwar aċċess mhux awtorizzat għad-dejta magħmula quddiem il-Parlament Ewropew fl-2009 fil-kuntest tar-riforma tal-Qafas Regolatorju għall-Komunikazzjonijiet Elettronici¹⁸. Din l-eżaminazzjoni mhix se taffettwa d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika, li trid tiġi trasposta fil-liġijiet nazzjonali sal-25 ta' Mejju 2011¹⁹. Dwar dan is-suġġett trid tiġi żgurata strateġija konsistenti u koerenti.

Il-Kummissjoni se:

- teżamina l-modalitajiet għall-introduzzjoni ta' qafas legali ġenerali ta' **notifika ġenerali ta' aċċess mhux awtorizzat tad-dejta personali**, inkluż id-destinatarji ta' tali notifiki u l-kriterji li jiskattaw l-obbligu tan-notifika.

2.1.3. *Titjib tal-kontroll li wieħed ikollu fuq id-dejta tiegħu stess*

Żewġ prekundizzjonijiet importanti għall-iżgurar li l-individwi jgawdu livell għoli ta' protezzjoni tad-dejta huma **l-limitazzjoni tal-ipproċessar tal-kontrolluri tad-dejta f'relazzjoni mal-finijiet tagħhom (prinċipju tal-minimizzazzjoni tad-dejta)** u **ż-żamma mis-suġġetti tad-dejta ta' kontroll effettiv fuq id-dejta tagħhom stess**. L-Artikolu 8(2) tal-Karta jiddikjara li 'kull persuna għandha d-dritt ta' aċċess għal dejta miġbura li għandha x'taqsam magħha u d-dritt li tirrettifikaha'. L-individwi għandhom dejjem ikunu jistgħu jaċċessaw, jirrettifikaw, iħassru jew jibblukkaw id-dejta tagħhom, sakemm ma jkunx hemm raġunijiet leġittimi, previsiti bil-liġi, sabiex dan ma jsirx. Dawn id-drittijiet diġà jeżistu fil-

¹⁸ 'Il-Kummissjoni tinnotta r-rieda tal-Parlament Ewropew li l-obbligu li jkun innotifikati infrazzjonijiet rigward id-dejta personali m'għandux ikun limitat għas-settur tal-komunikazzjonijiet elettroniċi iżda għandu japplika għal entitajiet bħall-fornituri ta' servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni [...]. Għalhekk, il-Kummissjoni mingħajr dewmien se tibda x-xogħol preparatorju xieraq, inkluża konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, bil-għan li jkun preżentati proposti f'dan il-qasam, kif xieraq, sal-aħħar tal-2011 [...]', li jinsab <http://www.europarl.europa.eu/sides/getDoc.do?pubRef=-//EP//TEXT+TA+P6-TA-2009-0360+0+DOC+XML+V0//EN> Ara wkoll il-premessa 59 tad-Direttiva 2009/136/KE li temenda d-Direttiva dwar l-e-Privatezza 2002/58/KE: 'L-interess ġenerali tal-utenti li jiġu notifikati huwa b'mod ċar mhux limitat għas-settur tal-komunikazzjonijiet elettroniċi u għalhekk rekwiżiti ta' notifika espliċiti u obligatorji applikabbli għas-setturi kollha għandhom jiġu introdotti fil-livell Komunitarju bħala kwistjoni ta' prijorità'

¹⁹ L-Artikolu 4 tad-Direttiva 2009/136/KE.

qafas legali kurrenti. Madanakollu, il-mod li bih dawn id-drittijiet jistgħu jiġu eżerċitati mhux armonizzati, u għalhekk l-eżerċitar tagħhom huwa fil-fatt aktar faċli f'xi Stati Membri milli f'xi oħrajn. Barra minn hekk, dan sar partikolarment diffiċli fl-ambjent onlajn, fejn id-dejta tinżamm mingħajr ma tiġi infurmata l-persuna konċernata u/jew mingħajr il-kunsens tagħha.

L-eżempju tan-netwerking soċjali onlajn huwa partikolarment relevanti hawnhekk, minħabba li jippreżenta sfidi sinifikanti għall-kontroll effettiv tal-individwu fuq id-dejta personali tiegħu/tagħha. Il-Kummissjoni rċeviet għadd ta' mistoqsijiet mingħand individwi li mhux dejjem kienu kapaċi jiksbu id-dejta personali tagħhom mingħand fornituri tas-servizzi onlajn, bħar-ritratti tagħhom, u li ġew impediti milli jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom ta' aċċess, rettifika u tħassir.

Tali drittijiet għandhom għalhekk isiru aktar espliċiti, ċari u possibbilment jissaħħu.

Il-Kummissjoni għalhekk se teżamina metodi li bihom:

- issaħħaħ il-**prinċipju tal-minimizzazzjoni tad-dejta**;

- **ittejjeb il-modalitajiet għall-eżerċitar propju tad-drittijiet tal-aċċess, rettifika, tħassir jew blukkar tad-dejta** (pereżempju, billi tintroduċi skadenzi biex wieħed iwieġeb għall-mistoqsijiet mill-individwi, billi tippermetti l-eżerċizzju tad-drittijiet b'mezzi elettroniċi jew billi jiġi provdut li dak id-dritt ta' aċċess għandu jkun żgurat bla ħlas bħala prinċipju);

- kjarifika tad-dritt imsejjaħ '**id-dritt li jintesew**', i.e id-dritt tal-individwi li d-dejta tagħhom titħassar u ma tibqax aktar tiġi proċessata meta ma tkunx aktar meħtieġa għal skopijiet leġittimi. Dan huwa l-każ pereżempju, meta l-ipproċessar huwa bażat fuq il-kunsens ta' persuna u meta huwa jew hija tirtira l-kunsens jew meta l-perjodu ta' ħażna jkun skada;

- kumplimentar tad-drittijiet tas-suġġetti tad-dejta billi tiġi żgurata '**l-portabbiltà tad-dejta**', jiġifieri li jiġi provdut id-dritt espliċitu għal individwu biex jirtira id-dejta tiegħu stess (eżempju ritratti jew lista ta' ħbieb) minn programm jew servizz sabiex id-dejta ritirata tkun tista' tiġi trasferita fi programm jew servizz ieħor, sakemm ikun teknikament possibbli, mingħajr tfixkil mill-kontrolluri tad-dejta.

2.1.4. *Ħidma ta' sensibilizzazzjoni*

Filwaqt li t-trasparenza hija essenzjali, hemm ukoll il-bżonn li l-pubbliku in ġenerali, u partikolarment iż-żgħażaġh isiru aktar konxji tar-riskji relatati mal-ipproċessar tad-dejta personali u tad-drittijiet tagħhom. Servej tal-Eurobarometer fl-2008 wera li l-maġġoranza l-kbira taċ-ċittadini fl-Istati Membri tal-UE jqisu li l-kuxjenza dwar il-protezzjoni tad-dejta personali fil-pajjiż tagħhom hija baxxa²⁰. Għandhom għalhekk jiġu nkuraġġiti u promossi attivitajiet li jżidu l-kuxjenza minn firxa wiesgħa ta' atturi, jiġifieri, awtoritajiet tal-Istati Membri, partikolarment Awtoritajiet tal-Protezzjoni tad-Dejta u korpi edukattivi, kif ukoll mill-kontrolluri tad-dejta u assoċjazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Dawn għandhom jinkludu miżuri non-leġiżlattivi bħal kampanji biex titqajjem kuxjenza fil-mezzi tax-xandir stampati u elettroniċi, il-provvediment ta' informazzjoni ċara fuq websajts, li jindikaw b'mod ċar id-drittijiet tas-suġġetti u r-responsabbiltajiet tal-kontrolluri.

²⁰ Ara l-Flash Eurobarometer Nru 225 – Il-Protezzjoni tad-Dejta fl-Unjoni Ewropea: http://ec.europa.eu/public_opinion/flash/fl_225_en.pdf.

Il-Kummissjoni se tesplora:

- il-possibbiltà ta' **ko-finanzjar ta' attivitajiet li jqajmu kuxjenza dwar il-protezzjoni tad-dejta** permezz tal-baġit tal-Unjoni;
- il-bżonn ta' u l-opportunità li jiġi inkluż fil-qafas legali **obbligu li jitwettqu attivitajiet li jqajmu kuxjenza** f' dan il-qasam.

2.1.5. *Żgurar ta' kunsens infurmat u ħieles*

Meta jkun meħtieġ kunsens infurmat, ir-regoli kurrenti jipprovdu li l-kunsens tal-individwu għall-ipproċessar tad-dejta personali tiegħu jew tagħha għandu jkun 'indikazzjoni speċifika u informata mogħtija b' mod ħieles' tax-xewqat tiegħu jew tagħha li biha l-individwu jfisser il-qbil tiegħu jew tagħha għal dan l-ipproċessar tad-dejta²¹. Madanakollu, dawn il-kundizzjonijiet bħalissa huma interpretati b' mod differenti fl-Istati Membri, li jvarjaw minn kundizzjoni ġenerali b' kunsens bil-miktub għall-aċċettazzjoni ta' kunsens impliċitu.

Aktar minn hekk, fl-ambjent onlajn – minħabba l-opaċità tal-politiki tal-privatezza – huwa spiss aktar diffiċli għall-individwi li jkunu konxji tad-drittijiet tagħhom u li jagħtu kunsens infurmat. Dan jiġi kumplikat aktar mill-fatt li, f'xi każijiet, lanqas ma huwa ċar x'jikkostitwixxi kunsens mogħti b' mod ħieles, kunsens speċifiku u infurmat għall-ipproċessar tad-dejta, bħal fil-każ ta' reklami bażati fuq il-komportament, fejn is-settings tal-browser tal-internet jitqiesu minn xi uħud, imma mhux minn oħrajn, li jagħtu l-kunsens tal-utent.

Il-kjarifika rigward il-kundizzjonijiet għall-kunsens tas-suġġett tad-dejta għandhom għalhekk ikunu provduti, sabiex dejjem jiggarrantixxu kunsens infurmat u jiżguraw li l-individwu huwa konxju b' mod sħiħ li huwa qed jagħti l-kunsens tiegħu, u għal liema dejta qed tiġi proċessata, f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Karta tal-UE dwar id-Drittijiet Fundamentali. Ċarezza dwar kunċetti ewlenin jistgħu jiffavorixxu wkoll l-iżvilupp ta' inizjattivi awto-regolatorji biex jiġu żviluppati soluzzjonijiet prattiċi konsistenti mal-liġi tal-UE.

Il-Kummissjoni se teżamina metodi biex jiġu **ċċarati u msahħha r-regoli dwar il-kunsens.**

2.1.6. *Il-protezzjoni ta' dejta sensittiva*

L-ipproċessar ta' dejta sensittiva, jiġifieri, dejta li tiżvela oriġini razzjali jew etnika, opinjonijiet politiċi, twemmin reliġjuż jew filosofiku, sħubija fi trejdjunjin, u l-ipproċessar ta' dejta li tikkonċerna s-saħħa jew il-ħajja sesswali, bħalissa hija diġà projbita bħala regola ġenerali, b' eċċezzjonijiet limitati taħt ċerti kundizzjonijiet u salvagwardji²². Madanakollu, fid-dawl tal-iżviluppi teknoloġiċi u soċjetali oħra, hemm il-bżonn li jiġu meqjusa d-dispożizzjonijiet eżistenti dwar dejta sensittiva, biex jiġi eżaminat jekk għandhomx jiżdiedu kategoriji oħra ta' dejta u biex jiġu ċċarati aktar il-kundizzjonijiet għall-ipproċessar tagħhom. Dan jikkonċerna pereżempju dejta ġenerika li bħalissa mhix imsemmija espliċitament bħala kategorija sensittiva ta' dejta.

²¹ Cf. l-Artikolu 2(h) tad-Direttiva 95/46/KE.

²² Cf. l-Artikolu 8 tad-Direttiva 95/46/KE.

Il-Kummissjoni se tqis:

- jekk kategoriji oħra ta' dejta għandhiex titqies bħala '**dejta sensitiva**', pereżempju dejta **ġenetiku**;
- aktar iċċarar u **armonizzar tal-kundizzjonijiet** li jippermettu l-ipproċessar ta' kategoriji ta' dejta sensitiva.

2.1.7. *Rimedji u sanzjonijiet aktar effettivi*

Sabiex jiġi żgurat l-infurzar tar-regoli tal-protezzjoni tad-dejta, huwa essenzjali li jkun hemm **dispożizzjonijiet effettivi dwar ir-rimedji u s-sanzjonijiet**. Ħafna każijiet fejn individwu huwa affettwat bi ksur tar-regoli tal-protezzjoni tad-dejta wkoll jaffettwaw numru kunsiderevoli ta' individwi oħra f'sitwazzjoni simili.

Il-Kummissjoni għalhekk se:

- tikkunsidra l-possibbiltà li **tiġi estiża s-setgħa biex tittieħed azzjoni quddiem il-qrati nazzjonali** għal awtoritajiet tal-protezzjoni tad-dejta u assoċjazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, kif ukoll **assoċjazzjonijiet oħra li jirrappreżentaw l-interessi tas-suġġetti tad-dejta**;
- tevalwa l-bżonn li **jissaħħu d-dispożizzjonijiet eżistenti dwar sanzjonijiet**, pereżempju billi jiġu esklużi b'mod espliċitu sanzjonijiet kriminali f'każ ta' vjolazzjonijiet serji tal-protezzjoni tad-dejta, sabiex isiru aktar effettivi.

2.2. **Titjib tad-dimensjoni tas-suq intern**

2.2.1. *Żieda taċ-ċertezza legali u provvediment ta' livelli ugwali għall-kontrolluri tad-dejta*

Il-Protezzjoni tad-Dejta fl-UE għandha **dimensjoni qawwija tas-suq intern**, jiġifieri, il-bżonn li jiġi żgurat il-fluss ħieles tad-dejta personali bejn l-Istati Membri fi ħdan is-suq intern. Bħala konsegwenza, l-armonizzazzjoni tad-Direttiva tal-liġijiet nazzjonali tal-protezzjoni tad-dejta mhix limitata għal awtorizzazzjoni minima imma tammonta għal armonizzazzjoni li ġeneralment hija kompluta²³.

Fl-istess ħin, id-Direttiva tagħti lill-Istati Membri spazju biex jimmanuvraw f'ċerti oqsma u tawtorizzahom biex iżommu jew jintroduċu regoli partikolari għal sitwazzjonijiet partikolari²⁴. Dan, flimkien mal-fatt li d-Direttiva kultant ġiet implimentata b'mod inkorrett mill-Istati Membri, wassal għal **diverġenzi bejn il-liġijiet nazzjonali li jimplimentaw id-Direttiva, li jmorru kontra wieħed mill-għanijiet ewlenin tagħha, jiġifieri, l-iżgurar tal-fluss ħieles tad-dejta personali fi ħdan is-suq intern**. Dan huwa minnu għal numru kbir ta' setturi u kuntesti, pereżempju fl-ipproċessar ta' dejta personali fil-kuntest tal-impjegar jew għal finijiet ta' saħħa pubblika. In-nuqqas ta' armonizzazzjoni hija filwaqt waħda mill-problemi ewlenin u rikorrenti mqajma mill-partijiet interessati private, speċjalment operaturi ekonomiċi, minħabba li għalihom hija spiża addizzjonali u amministrattiva. Dan huwa partikolarment il-każ għal kontrolluri tad-dejta stabbiliti f'għadd ta' Stati Membri u obbligati li jikkonformaw mal-kundizzjonijiet u prattiċi f'kull wieħed minn dawn il-pajjiżi. Barra minn hekk, id-diverġenza fl-implimentazzjoni tad-Direttiva mill-Istati Membri toħloq inċertezza legali mhux biss għall-kontrolluri tad-dejta imma wkoll għal suġġetti tad-dejta, u għalhekk

²³ Il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja, C-101/01, 'Bodil Lindqvist', ECR [2003], I-1297, 96, 97.

²⁴ *Ibidem*, 97. Ara wkoll il-Premessa 9 tad-Direttiva 95/46/KE.

joħolqu r-riskju li jfixklu l-livell ekwivalenti ta' protezzjoni li d-Direttiva suppost li tikseb u tiżgura.

Il-Kummissjoni se teżamina l-mezzi biex tinkiseb aktar armonizzazzjoni tar-regoli tal-protezzjoni tad-dejta fil-livell tal-UE

2.2.2. Tnaqqis tal-piż amministrattiv

Provediment tal-livell ugwali inaqqas il-bżonn li jiġu sodisfatti kundizzjonijiet nazzjonali diverġenti u għalhekk inaqqas b'mod konsiderevoli l-piż amministrattiv għall-kontrolluri. Element konkret ieħor għat-tnaqqis tal-piż amministrattiv u t-tnaqqis tal-ispejjeż għall-kontrolluri tad-dejta tkun **ir-reviżjoni u s-simplifikazzjoni tas-sistema kurrenti ta' notifika**²⁵. Jeżisti kunsens ġenerali fost il-kontrolluri tad-dejta li l-obbligu ġenerali kurrenti biex jiġu notifikati l-operazzjonijiet kollha tal-ipproċessar tad-dejta lill-Awtoritajiet tal-Protezzjoni tad-Dejta, huwa obbligu li jgħib piż kbir, u li fih innifsu ma jipprovdi ebda valur miżjud għall-protezzjoni tad-dejta personali tal-individwi. Barra minn hekk, dan huwa wieħed mill-każijiet fejn id-Direttiva tħalli ċerti lok għall-immanuvrar lill-Istati Membri, li huma liberi li jiddeċiedu dwar eżenzjonijiet u simplifiki possibbli, kif ukoll dwar il-proċeduri li jridu jiġu segwiti.

Sistema armonizzata u simplifikata tnaqqas l-ispejjeż kif ukoll il-piż amministrattiv, speċjalment għall-kumpaniji multinazzjonali stabbiliti f'għadd ta' Stati Membri.

Il-Kummissjoni se tesplora l-possibbiltajiet differenti għas-simplifikazzjoni u l-armonizzazzjoni tas-sistema ta' notifika kurrenti, inkluż il-possibbiltà li titfassal formola ta' reġistrazzjoni uniformi madwar l-UE.

2.2.3. Iċċarar tar-regoli dwar il-liġi applikabbli u r-responsabbiltà tal-Istati Membri

L-ewwel rapport tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Dejta sa mill-2003²⁶ ssottolinea l-fatt li d-dispożizzjonijiet dwar il-liġi applikabbli²⁷ kienu 'defiċjenti f'għadd ta' każijiet, bir-riżultat li jistgħu jfiġġu t-tip ta' kunflitti ta' liġi li dan l-Artikolu jfittex li jevita'. Is-sitwazzjoni ma tjibitx minn dak iż-żmien, u minħabba f'hekk mhux dejjem ċar għall-kontrolluri tad-dejta u l-awtoritajiet superviżorji tal-protezzjoni tad-dejta liema Stat Membru huwa responsabbli u liema liġi hija applikabbli meta huma konċernati għadd ta' Stati Membri. Dan huwa partikolarment il-każ meta kontrollur tad-dejta huwa soġġett għal kundizzjonijiet differenti mill-Istati Membri differenti, meta impriża multinazzjonali hija stabbilita f'aktar minn Stat Membru wieġed jew meta il-kontrollur tad-dejta mhuwiex stabbilit fl-UE imma jipprovdi s-servizzi tiegħu lir-residenti tal-UE.

Il-kumplessità qed tikber ukoll minħabba l-globalizzazzjoni l-iżviluppi teknoloġiċi: il-kontrolluri tad-dejta qegħdin dejjem aktar joperaw f'għadd ta' Stati Membri u ġurisidzzjonijiet, u jipprovdu servizzi u għajjnuna erbgħa u għoxrin siegħa kuljum. L-internet tagħmilha aktar faċli għall-Kontrolluri tad-dejta stabbiliti barra iż-Żona Ekonomika Ewropea (iż-ŻEE)²⁸ biex jipprovdu servizzi mill-bogħod u biex jipproċessaw dejta personali fl-ambjent

²⁵ Ara l-Artikolu 18 tad-Direttiva 95/46/KE.

²⁶ Rapport mill-Kummissjoni - L-ewwel Rapport dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Dejta (95/46/KE) – COM(2003) 265.

²⁷ Ara l-Artikolu 4 tad-Direttiva 95/46/KE.

²⁸ Iż-Żona Ekonomika Ewropea tinkludi n-Norveġja, il-Liechtenstein u l-Islanda.

onlajn; u spiss huwa diffiċli li jiġi determinat il-post tad-dejta personali u t-tagħmir użat f'ħin speċifiku (eżempju programmi u servizzi li jinvolvu 'cloud computing').

Madanakollu, il-Kummissjoni tqis li l-fatt li l-ipproċessar tad-dejta personali jitwettaq mill-kontrollur tad-dejta stabbilit f'pajjiż terz m'għandux iċċaħħad lill-individwi mill-protezzjoni li huma intitolati għalija taħt il-Karta tal-UE tad-Drittijiet Fundamentali u l-leġislazzjoni tal-protezzjoni tad-dejta tal-UE.

Il-Kummissjoni se teżamina kif se **tirrevedi u tiċċara d-dispożizzjonijiet eżistenti dwar il-liġi applikabbli**, inkluż il-kriterji determinanti kurrenti, sabiex ittejjeb iċ-ċertezza legali, tiċċara r-responsabbiltà tal-Istati Membri għall-applikar tar-regoli tal-protezzjoni tad-dejta u fl-aħħar tipprovdi l-istess grad ta' protezzjoni lis-suġġetti tad-dejta tal-UE, indipendentement mill-post ġeografiku tal-kontrollur tad-dejta.

2.2.4. Żieda fir-responsabbiltà tal-kontrolluri tad-dejta

Is-simplifikazzjoni amministrattiva **m'għandhiex twassal għal tnaqqis ġenerali mir-responsabbiltà tal-kontrolluri biex jiżguraw protezzjoni tad-dejta effettiva**. Bil-kuntrarju, il-Kummissjoni temmen li l-obbligi tagħhom għandhom jiġu ċċarati aktar fil-qafas legali, inkluż f'relazzjoni mal-mekkaniżmi ta' kontroll intern u l-kooperazzjoni mal-Awtoritajiet Superviżorji tal-Protezzjoni tad-Dejta. Barra minn hekk, għandu jiġi żgurat li tali responsabbiltà tapplika wkoll għal kontrolluri li huma soġġetti għall-obbligi tas-sigriet professjonali (eż. avukati) kif ukoll f'dawk l-oqsma komuni li qegħdin dejjem jiżdiedu fejn il-kontrolluri tad-dejta jiddelegaw l-ipproċessar tad-dejta lil entitajiet oħra (eż., proċessuri).

Il-Kummissjoni għalhekk se tesplira metodi **biex jiżguraw li l-kontrolluri tad-dejta jdaħħlu fis-seħħ politiki u mekkaniżmu effettivi biex jiżguraw konformità mar-regoli tal-protezzjoni tad-dejta**. Meta tagħmel dan, se tieħu kont tad-dibattitu kurrenti dwar l-introduzzjoni possibbli tal-prinċipju tal-'accountability'²⁹. Dan ma jkollux l-għan li jżid il-piż amministrattiv fuq il-kontrolluri tad-dejta, minħabba li tali miżuri minflok jiffukaw fuq it-twaqqif ta' salvagwardji u miżuri li jagħmlu l-konformità tal-protezzjoni tad-dejta aktar effettiva filwaqt li fl-istess ħin inaqqsu u jissimplifikaw ċerti formalitajiet amministrattivi, bħan-notifi (*ara 2.2.2 hawn fuq*).

Il-promozzjoni tal-użu tat-Teknoloġiji li Jżidu l-Privatezza (PETs), kif indikat diġà fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-2007 dwar din il-kwistjoni, kif ukoll tal-prinċipju 'Privatezza bit-Tfassil' jista' jkollhom rwol importanti f'dan ir-rigward, inkluż fl-iżgurar tas-sigurtà³⁰.

²⁹ Ara b'mod partikolari opinjoni adottata mill-Grupp ta' Ħidma Artikolu 29 fit-13 ta' Lulju, 3/2010.

³⁰ Dwar il-PETs ara: Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-Promozzjoni tal-Protezzjoni tad-Dejta b'Teknoloġiji li jtejjbu l-Privatezza (PETs) - COM(2007) 228. Il-Prinċipju ta' 'Privatezza bit-Tfassil' ifisser li l-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta jkunu parti miċ-ċiklu sħiħ tal-ħajja tat-teknoloġiji, mill-istadju bikri tat-tfassil, sakemm jitnedew, jintużaw u jintremew. Dan il-prinċipju jidher inter alia, fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar 'Aġenda Diġitali għall-Ewropa' - COM(2010) 245.

Il-Kummissjoni se teżamina l-elementi segwenti biex iżżid ir-responsabbiltà tal-kontrolluri tad-dejta:

- li l-ħatra ta' **Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Dejta** indipendenti tkun obligatorja u li jiġu armonizzati r-regoli relatati mal-ħidmiet u l-kompetenzi tagħhom³¹, filwaqt li tirrifletti fuq il-limitu adatt biex jiġu evitati piżijiet amministrattivi żejda, partikolarment għal mikro-intrapriżi żgħar u dawk żgħar ħafna;
- li jiġi inkluż fil-qafas legali obbligu għall-kontrolluri tad-dejta li jwettqu **valutazzjoni tal-impatt għall-protezzjoni tad-dejta** f'każijiet speċifiċi, pereżempju, fejn dejta sensittiva tkun qed tiġi proċessata, jew fejn it-tip ta' proċessar inkella jinvolvi riskji speċifiċi, b'mod partikolari meta jintużaw teknoloġiji, mekkaniżmu jew proċeduri speċifiċi, inkluż l-iprofilar u s-sorveljanza bil-vidjows;
- aktar promozzjoni tal-użu tal-PETS u l-possibbiltajiet għal implimentazzjoni konkreta tal-kunċett ta' **'Privatezza bit-Tfassil'**.

2.2.5. *Ninkoraġġixxu inizjattivi awto-regolatorji u l-esplorazzjoni tal-iskemi ta' ċertifikazzjoni tal-UE*

Il-Kummissjoni tkompli tqis li **l-inizjattivi awto-regolatorji** mill-kontrolluri tad-dejta jistgħu **jikkontribwixxu għal infurzar aħjar tar-regoli tal-protezzjoni tad-dejta**. Id-dispożizzjonijiet kurrenti dwar l-awto-regolazzjoni fid-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-dejta, jiġifieri l-iskop għat-tfassil tal-Kodiċijiet tal-Kondotta³², rari intużaw s'issa u m'humix meqjusa sodisfaċenti għall-partijiet interessati privati.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tesplora l-ħolqien possibbli tal-iskemi ta' **ċertifikazzjoni tal-UE** (eż. **'siġilli tal-privatezza'**) għal proċessi, teknoloġiji, prodotti u servizzi li 'jikkonformaw mal-privatezza'³³. Dan jagħti mhux biss orjentazzjoni lill-individwu bħala utent ta' tali teknoloġiji, prodotti u servizzi, imma jkun relevanti wkoll f'relazzjoni mar-responsabbiltà tal-kontrolluri tad-dejta: li wieħed jagħżel teknoloġiji, prodotti jew servizzi, ċertifikati jista' jgħin jagħti prova li l-kontrollur issodisfa l-obbligi tiegħu (*ara 2.2.4 hawn fuq*). Ċertament, ikun essenzjali li **tiġi żgurata l-affidabbiltà ta' tali siġilli tal-privatezza** u li wieħed jara kif dawn jiffittjaw mal-obbligi legali u l-istandards tekniċi internazzjonali.

Il-Kummissjoni se:

- teżamina l-mezzi biex **tinkoraġġixxi aktar inizjattivi awto-regolatorji**, inkluż il-promozzjoni attiva tal-Kodiċijiet tal-Kondotta.
- tesplora l-possibbiltà li jitwaqqfu **skemi ta' ċertifikazzjoni tal-UE** fil-qasam tal-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta.

³¹ Il-possibbiltà kurrenti għal kontrollur tad-dejta li jaħtar Uffiċjal għall-Protezzjoni tad-Dejta sabiex jiżgura, b'mod indipendenti, konformità mar-regoli tal-protezzjoni tad-dejta nazzjonali u tal-UE u biex jgħin lill-individwi ġiet implimentata diġà f'għadd ta' Stati Membri (ara eż. 'Beaufragter für den Datenschutz' fil-Ġermanja u l-'correspondant informatique et libertés (CIL)' fi Franża).

³² Ara l-Artikolu 27 tad-Direttiva 95/46/KE.

³³ Dwar dan l-aspett, ara wkoll il-Komunikazzjoni tal-PETs, ċit. nota ta' qiegħ il-paġna 30.

2.3. **Reviżjoni tar-regoli tal-protezzjoni tad-dejta fil-qasam tal-koperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja fil-qasam kriminali**

Id-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Dejta tapplika għall-attivitajiet kollha tal-ipproċessar tad-dejta personali fl-Istati Membri, kemm fis-settur pubbliku kif ukoll f'dak privat. Madanakollu, din mhux dejjem tapplika fl-ipproċessar tad-dejta personali 'fil-kors ta' attività li taqa' barra mill-iskop tal-liġi Komunitarja, bħal attivitajiet fl-oqsma tal-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali.³⁴ It-Trattat ta' Lisbona, madanakollu abolixxa 'l-istruttura ta' kolonni' preċedenti tal-UE u introduċa bażi legali ġdida u komprensiva għall-protezzjoni tad-dejta personali tul il-politiki kollha tal-Unjoni.³⁵ F'dan l-isfond, u fid-dawl tal-Karta tal-UE dwar id-Drittijiet Fundamentali, il-Komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar il-Programm ta' Stokkolma u l-Pjan ta' Azzjoni ta' Stokkolma³⁶ ssottolineaw il-bżonn li jkun hemm 'skema ta' protezzjoni komprensiva' u li 'tissaħħaħ il-pożizzjoni tal-Unjoni għall-protezzjoni tad-dejta personali fil-kuntest tal-politiki kollha tal-UE, inkluż l-infurzar tal-liġi u l-prevenzjoni tal-kriminalità'.

L-istrument tal-UE għall-protezzjoni tad-dejta personali fl-oqsma tal-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni f'materji kriminali fija d-**Deċiżjoni Qafas 2008/977/JHA**³⁷. Id-Deċiżjoni Qafas hija pass importanti 'l quddiem f'qasam fejn l-istandards komuni għall-protezzjoni tad-dejta kienu ferm meħtieġa. Madanakollu, għad irid isir aktar xogħol.

Id-Deċiżjoni Qafas tapplika biss għall-iskambju trans-konfinali tad-dejta personali fi ħdan l-UE u mhux għal operazzjoni ta' proċessar domestiku fl-Istati Membri. Din id-distinzjoni tagħmila diffiċli fil-prattika u tista' tikkomplika l-implimentazzjoni attwali u l-applikazzjoni tad-Deċiżjoni Qafas.³⁸

Ukoll, **id-Deċiżjoni Qafas fiha eċċezzjoni wiesgħa wisq għall-prinċipju tal-limitazzjoni tal-iskop**. Nuqqas ieħor huwa n-nuqqas ta' dispożizzjonijiet li bihom issir distinzjoni għall-kategoriji differenti ta' dejta skont il-grad tagħhom ta' eżattezza u affidabbiltà, li għandha ssir distinzjoni bejn dejta bażata fuq il-fatti u dejta bażata fuq l-opinjoni u l-evalwazzjonijiet personali³⁹, u għandha ssir distinzjoni bejn il-kategoriji differenti ta' suġġetti tad-dejta (kriminali, suspettati, vittmi, xhieda, eċċ.), b'garanziji speċifiċi stabbiliti għal dejta relatati għal persuni mhux suspettati⁴⁰.

Barra minn hekk, **id-Deċiżjoni Qafas ma tissostitwix l-istrument leġiżlattivi varji speċifiċi għas-settur għall-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja f'materji kriminali**

³⁴ Ara l-Artikolu 3 (2), l-ewwel inċiż tad-Direttiva 95/46/KE.

³⁵ Ara l-Artikolu 16 tat-TFUE.

³⁶ Ara COM(2009) 262, 10.6.2009, u COM(2010) 171, 20.4.2010.

³⁷ id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/JHA tas-27.11.2008 dwar il-protezzjoni ta' dejta personali pproċessata fil-qafas tal-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja f'materji kriminali (ĠU L 350, 30.12.2008, p. 60). Id-Deċiżjoni Qafas tipprevedi biss armonizzazzjoni minima tal-istandards tal-protezzjoni tad-dejta.

³⁸ Din id-distinzjoni ma teżistix fl-istrumenti relevanti tal-Kunsill tal-Ewropa bħal: Il-Konvenzjoni tal-Kunsill ta' l-Ewropa għall-Ħarsien ta' Individwi fir-rigward tal-Ipproċessar Awtomatiku ta' Informazzjoni Personali (CETS Nru.: 108), il-Protokoll Addizzjonali dwar l-awtoritajiet superviżorji u l-flussi trans-konfinali ta' dejta (ETS Nru. 181) u r-Rakkomandazzjoni Nru R (87) 15 tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa lill-Istati Membri li tirregola l-użu ta' data personali fis-settur tal-pulizija, adottata fis-17 ta' Settembru 1987.

³⁹ Kif meħtieġ mill-Prinċipju 3.2 tar-Rakkomandazzjoni Nru R(87) 15.

⁴⁰ Bil-kuntrarju għal Prinċipju 2 tar-Rakkomandazzjoni Nru R (87) 15 u r-rapporti ta' valutazzjoni tagħha.

adottati f'livell tal-UE⁴¹, b'mod partikolari dawn li jiggvernaw il-funzjonament tal-Europol, il-Eurojust, is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (I-SIS) u s-Sistema ta' Informazzjoni Doganali (is-CIS)⁴², li fihom jew reġimi partikolari tal-protezzjoni tad-dejta, u/jew ġeneralemnt jirreferi għall-istrumenti tal-protezzjoni tad-dejta tal-Kunsill tal-Ewropa. Għal attivitajiet fi ħdan il-qasam ta' kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja l-Istati Membri kollha ssottoskrivew għar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa Nru R (87) 15, li tistabbilixxi l-prinċipji tal-Konvenzjoni 108 għas-settur tal-pulizija. Madankollu, dan mhux strument li jorbot legalment.

Din is-sitwazzjoni tista' taffettwa direttament il-possibiltajiet għall-individwi li jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom tal-protezzjoni tad-dejta f'dan il-qasam (eż. biex ikunu jafu x'dejta personali qed tiġi proċessata u skambjata dwarhom, minn min u għal liema skop, u kif jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom, bħad-dritt li jaċċessaw id-dejta tagħhom).

L-għan li tiġi stabbilita sistema komprensiva u koerenti fl-UE u vis-à-vis pajjiżi terzi tinvolvi **l-bżonn li tiġi kunsidrata reviżjoni tar-regoli kurrenti dwar il-protezzjoni tad-dejta fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja f'materji kriminali** Il-Kummissjoni tisħaq li l-idea ta' skema komprensiva ta' protezzjoni tad-dejta ma teskludix regoli speċifiċi għall-protezzjoni tad-dejta għas-settur tal-pulizija u dak ġudizzjarju fi ħdan il-qafas ġenerali, li jieħu kont xieraq tan-natura speċifika ta' dawn l-oqsma, kif indikat mid-Dikjarazzjoni 21 mehmuża mat-Trattat ta' Lisbona. Dan jimplika pereżempju, il-bżonn li jiġi kunsidrat il-limitu sa liema l-eżerċizzju ta' ċerti drittijiet ta' protezzjoni tad-dejta minn individwu, jipperikolaw il-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejba jew il-prosekuzzjoni ta' offiżi kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' penaltajiet kriminali f'każ speċifiku.

Il-Kummissjoni, b'mod partikolari, se:

- tikkunsidra **l-estensjoni tal-applikazzjoni tar-regoli ġenerali tal-protezzjoni tad-dejta għall-oqsma tal-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja f'materji kriminali**, inkluż għall-ipproċessar f'livell domestiku filwaqt li tipprovd, fejn neċessarju, għal **limitazzjonijiet** armonizzati għal ċerti drittijiet ta' protezzjoni tad-dejta tal-individwi, eż. Rigward id-dritt tal-aċċess jew il-prinċipju tat-trasparenza;
- teżamina il-bżonn li tintroduċi **dispożizzjonijiet speċifiċi u armonizzati** fil-qafas ġdid ġenerali tal-protezzjoni tad-dejta, pereżempju dwar protezzjoni tad-dejta rigward l-ipproċessar ta' **dejta ġenetika** għal finijiet ta' liġi kriminali jew li d-distinzjoni ta' kategoriji varji ta' suġġetti tad-dejta (xhieda; suspettati eċċ) fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja f'materji kriminali;
- tniedi, fl-2011, **konsultazzjoni** mal-partijiet kollha interessati dwar l-aħjar mod biex **jiġu riveduti s-sistemi ta' superviżjoni kurrenti fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja f'materji kriminali** sabiex tiġi żgurata superviżjoni konsistenti tal-protezzjoni tad-dejta fuq l-istituzzjonijiet, korpi, ufficijji u aġenziji kollha tal-Unjoni;
- tevalwa l-bżonn li **tallinja**, fuq medda twila, **ir-regoli varji speċifiċi għas-settur adottati fuq il-livell tal-UE għall-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja f'materji kriminali fi strumenti speċifiċi**, mal-qafas legali ġenerali ġdid tal-protezzjoni tad-dejta.

⁴¹ Ara ħarsa ġenerali ta' tali strumenti fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 'Ħarsa ġenerali lejn il-ġestjoni tal-informazzjoni fil-qasam tal-libertà, sigurtà u ġustizzja' COM(2010) 385.

⁴² L-Awtoritajiet Superviżorji Konġunti twaqqfu mill-istrumenti relattivi biex jiżguraw superviżjoni tal-protezzjoni tad-dejta, barra s-setgħat superviżorji ġenerali tas-Superviżur Ewropew tal-Protezzjoni tad-Dejta (I-EDPS) fuq l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-ufficijji u l-aġenziji tal-Unjoni bażati fuq ir-Regolament (KE) Nru 45/2001.

2.4. Id-dimensjoni globali tal-protezzjoni tad-dejta

2.4.1. Kjarifika u simplifikar tar-regoli għat-trasferimenti internazzjonali tad-dejta

Wieħed mill-mezzi li jippermettu t-trasferiment tad-dejta personali barra l-UE u ż-żona taż-ŻEE huwa dak l-hekk imsejjaħ '**il-valutazzjoni tal-adeqwatezza**'. Bħalissa, l-adeqwatezza ta' pajjiż terz - jiġifieri, jekk pajjiż terz jiżgurax livell ta' protezzjoni li l-UE tikkunsidra bħala adegwat - tista' tiġi determinata mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri.

L-effett tas-sejbiet ta' adegwatezza tal-Kummissjoni huwa li d-dejta personali issa tista' timxi bejn is-27 Stat Membru tal-UE u t-tliet pajjiżi membri taż-ŻEE lejn dak il-pajjiż terz mingħajr ma jkunu neċessarji ebda salvagwardji oħra. Madanakollu, il-kundizzjonijiet eżatti għar-rikonoxximent tal-adeqwatezza mill-Kummissjoni bħalissa m'humiex speċifikati f'dettall sodisfaċenti fid-Direttiva tal-dddd. Barraminnekk, id-Deċiżjoni Qafas ma tipprovdi għal ebda deċiżjoni mill-Kummissjoni.

F'xi Stati Membri l-adeqwatezza hija evalwata fl-ewwel istanza mill-kontrollur tad-dejta li fih innifsu ma jittrasferix dejta personali lil pajjiż terz, xi drabi taħt is-superviżjoni ex-post tal-awtorità superviżorja tal-protezzjoni tad-dejta. Din is-sitwazzjoni tista' twassal għal strateġiji differenti biex jiġi valutat il-livell ta' adegwatezza ta' pajjiżi terzi, jew organizzazzjonijiet internazzjonali u **tinvolvi r-riskju li l-livell ta' protezzjoni tas-suġġetti tad-dejta li hu provdut għalihom f'pajjiż terz jiġu ġġudikati differenti minn Stat Membru għal ieħor**. Barra minn hekk, l-istrumenti legali kurrenti ma jinkludu ebda kundizzjonijiet dettaljati u armonizzati li skont liema t-trasferimenti jistgħu jitqiesu legali. Dan iwassal għal prattiċi li jvarjaw minn Stat Membru għal ieħor.

Barram inn hekk, rigward it-trasferimenti ta' dejta lil pajjiżi terzi li ma jiżgurawx livell adegwat ta' protezzjoni, il-klawnsoli standard kurrenti tal-Kummissjoni għat-trasferiment ta' dejta personali lill-kontrolluri⁴³ u lill-proċessuri⁴⁴ m'humiex imfassla għal sitwazzjonijiet non-kuntrattwali u, pereżempju, ma jistgħux jintużaw għal trasferimenti bejn amministrazzjonijiet pubbliċi.

Barra minn hekk, il-ftehimiet internazzjonali konklużi mill-UE jew l-Istati Membri tagħha spiss jeħtieġu l-inklużjoni ta' prinċipji tad-dejta personali jew dispożizzjonijiet speċifiċi. Dan jista' jirriżulta f'testijiet li jvarjaw ma' dispożizzjonijiet u drittijiet inkonsistenti, u għalhekk jiftħu interpretazzjonijiet diverġenti, għad-detriment tas-suġġett tad-dejta. B'konsegwenza ta' dan, il-Kummissjoni ħabbret li se taħdem dwar l-elementi ewlenin għall-protezzjoni tad-dejta personali fi ftehimiet bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi għall-fini ta' infurzar⁴⁵.

⁴³ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/497/KE tal-15 ta' Ġunju 2001 dwar klawżoli kuntrattwali standard għat-trasferiment tad-dejta personali lil pajjiżi terzi, taħt id-Direttiva 95/46/KE (ĠU L 181, 4.7.2001, p. 19); Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/16/KE tas-27 ta' Diċembru 2001 dwar klawżoli kuntrattwali standard għat-trasferiment tad-dejta personali lil pajjiżi terzi, taħt id-Direttiva 95/46/KE (ĠU L 6, 10.1.2002, p. 52); Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/915/KE tas-27 ta' Diċembru 2004 li temenda d-Deċiżjoni 2001/497/KE rigward l-introduzzjoni ta' sett alternattiv ta' klawnsoli kuntrattwali standard għat-trasferiment tad-dejta personali lil pajjiżi terzi (ĠU L 385, 29.12.2004, p. 74).

⁴⁴ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Frar 2010 dwar klawnsoli kuntrattwali standard għat-trasferiment ta' data personali għall-proċessuri stabbiliti f'pajjiżi terzi, taħt id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 39, 12.2.2010, p. 5).

⁴⁵ Il-Pjan ta' Azzjoni ta' Stokkolma, ċit (nota ta' qiegħ il-paġna 36).

Mezzi oħra li ġew żviluppati bħala forma ta' awto-regolazzjoni, bħal kodiċi ta' kondotta interni tal-kumpanija magħrufa bħala 'Regoli Korporattivi Vinkolanti' (BCRs)⁴⁶, jistgħu jkunu wkoll għodda utli biex tiġi trasferita legalment dejta personali bejn kumpaniji tal-istess grupp korporattiv. Madanakollu, il-partijiet interessati ssuġġerew li dan il-mekkaniżmu jista' jittejjeb aktar u li l-implimentazzjoni tiegħu ssir aktar faċli.

Biex tindirizza l-kwistjonijiet identifikati hemm **bżonn ġenerali li jittejbu l-mekkaniżmi kurrenti li jippermettu trasferimenti internazzjonali tad-dejta personali**, filwaqt li fl-istess ħin jiżguraw li d-dejta personali tiġi protetta b'mod adegwat meta tiġi trasferita u proċessata barra l-UE u ż-ŻEE.

Il-Kummissjoni bi ħsiebha teżamina kif:

- **ittejjeb il-proċeduri kurrenti** għat-trasferimenti ta' dejta internazzjonali, inkluż strumenti legalment vinkolanti u 'Regoli Korporattivi Vinkolanti' sabiex tiżgura **strateġija tal-UE aktar uniformi u koerenti** vis-à-vis pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali;
- **tiċċara il-proċedura ta' adegwatezza tal-Kummissjoni** u tispeċifika aħjar **il-kriterji u l-kundizzjonijiet** għall-valutazzjoni tal-livell ta' protezzjoni tad-dejta f'pajjiżi terzi jew f'organizzazzjoni internazzjonali;
- **tiddefenixxi l-elementi ewlenin tal-protezzjoni tad-dejta tal-UE**, li jistgħu jintużaw għat-tipi kollha ta' ftehimiet internazzjonali.

2.4.2. *Il-Promozzjoni tal-prinċipji universali*

L-ipproċessar tad-dejta huwa globalizzat u jitlob għal żvilupp tal-prinċipji universali għall-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar tad-dejta personali.

Il-qafas legali tal-UE għall-protezzjoni tad-dejta spiss serva bħala **referenza għall-pajjiżi terzi meta jirregolaw il-protezzjoni tad-dejta**. L-effett u l-impatt tiegħu, kemm fl-Unjoni kif ukoll barra minnha, kien ta' importanza kbira. **L-Unjoni Ewropea għalhekk trid tibqa l-forza li tmexxi dan l-iżvilupp u tkompli tippromwovi l-istandards internazzjonali legali u tekniċi għall-protezzjoni tad-dejta personali**, bażati fuq strumenti rilevanti tal-UE u Ewropej oħra dwar il-protezzjoni tad-dejta. Dan huwa partikolarment importanti fil-qafas tal-politika ta' tkabbir tal-UE.

Rigward l-istandards tekniċi internazzjonali żviluppati mill-organizzazzjonijiet ta' standardizzazzjoni, il-Kummissjoni temmen li l-koerenza bejn il-qafas legali futur u tali standards huwa ferm importanti biex tiġi żgurata implimentazzjoni konsistenti u prattika tar-regoli tal-protezzjoni tad-dejta mill-kontrolluri tad-dejta.

⁴⁶ 'Regoli Korporattivi Vinkolanti' huma kodiċi tal-prattika bażati fuq l-istandards Ewropej tal-protezzjoni tad-dejta, li l-organizzazzjonijiet multinazzjonali fasslu u jsegwu b'mod volontarju biex jiżguraw salvagwardji adegwati għat-trasferimenti jew kategoriji ta' trasferimenti ta' dejta personali bejn il-kumpaniji li huma parti mill-istess grupp korporattiv u li huma marbuta b'dawn ir-regoli korporattivi. Ara: http://ec.europa.eu/justice/policies/privacy/docs/international_transfers_faqs/international_transfers_faqs.pdf.

Il-Kummissjoni se:

- tkompli **il-promozzjoni tal-iżvilupp ta' standard legali u tekniċi għoljin tal-protezzjoni tad-dejta** f'pajjiżi terzi u fil-livell internazzjonali;
- tistinka għall-**prinċipju tar-reċiproċità tal-protezzjoni fl-azzjonijiet internazzjonali tal-Unjoni** u b'mod partikolari rigward is-suġġetti tad-dejta li dejta tagħhom tiġi esportata mill-UE lejn pajjiżi terzi;
- **iżżid il-kooperazzjoni tagħha, għal dan il-għan, ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali**, bħall-OECD, il-Kunsill tal-Ewropea, in-Nazzjonijiet Uniti u organizzazzjonijiet reġjonali oħra;
- **ssegwi mill-qrib l-iżvilupp tal-istandards internazzjonali tekniċi mill-organizzazzjonijiet ta' standardizzazzjoni** bħas-CEN u l-ISO, biex tiżgura li jikkumplimentaw b'mod utli r-regoli legali u li jiżguraw implimentazzjoni operazzjonali u effettiva tal-kundizzjonijiet ewlenin tal-protezzjoni tad-dejta.

2.5. Arranġament istituzzjonali aktar b'saħħtu għal infurzar aħjar tar-regoli tal-protezzjoni tad-dejta

L-implimentazzjoni u l-infurzar tal-prinċipji u r-regoli tal-protezzjoni tad-dejta huma element ewlieni biex jiġu garantiti r-rispett tad-drittijiet tal-individwu.

F'dan il-kuntest, **ir-rwol tal-Awtoritajiet tal-Protezzjoni tad-Dejta (DPAs) huwa essenzjali** għall-infurzar tar-regoli tal-protezzjoni tad-dejta. Dawn huma gwardjani indipendenti tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali fir-rigward tal-protezzjoni tad-dejta personali, li l-individwi jiddependu fuqhom biex jiżguraw il-protezzjoni tad-dejta personali tagħhom u l-legalità tal-operazzjonijiet ta' proċessar. Għal din ir-raġuni, il-Kummissjoni temmen li r-rwol tagħhom għandu jissaħħa, speċjalment fir-rigward tal-ġurisprudenza riċenti tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja dwar l-indipendenza tagħhom⁴⁷, u dawn għandhom jiġu provduti bis-setgħat u r-riżorsi meħtieġa biex jeżerċitaw sewwa l-ħidmiet tagħhom kemm flivell nazzjonali kif ukoll meta jikkooperaw ma' xulxin.

Fl-istess ħin, il-Kummissjoni tqis li **l-Awtoritajiet tal-Protezzjoni tad-Dejta għandhom issaħħu l-kooperazzjoni tagħhom u jikkorrdinaw aħjar l-attivitajiet tagħhom**, speċjalment meta jkollhom jaffrontaw kwistjonijiet li, min-natura tagħhom, għandhom dimensjoni trans-konfinali. Dan huwa partikolarment il-każ għal intrapriżi multinazzjonali bażati f'għadd ta' Stati Membri u li jwettqu l-attivitajiet tagħhom f'kull wieħed minn dawn il-pajjiżi, jew fejn tkun meħtieġa superviżjoni mas-Superviżur Ewropew tal-Protezzjoni tad-Dejta (l-EDPS)⁴⁸.

F'dawn ir-rigward, **għandu rwol importanti l-Grupp ta' Ħidma Artikolu 29**⁴⁹, li diġà għandu r-rwol, barra mill-funzjoni konsultattiva⁵⁰, li jikkontribwixxi għall-applikazzjoni

⁴⁷ Sentenza tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja tad-9.3.2010, il-Kummissjoni v il-Ġermanja, Każ C-518/07.

⁴⁸ Dan huwa bħalissa l-każ għal sistemi kbar tal-IT, eżempju għas-SIS II (cf. l-Artikolu 46 tar-Regolament (KE) Nru 1987/2006 - ĠU L 318, 28.12.2006, p. 4) u għall-VIS (cf. l-Artikolu 43 tar-Regolament (KE) Nru 767/2008 - ĠU L 218, 13.8.2008, p. 60).

⁴⁹ Il-Grupp ta' Ħidma Artikolu 29 huwa korp konsultattiv magħmul minn rappreżentant wieħed tal-Istati Membri, Awtoritajiet tal-Protezzjoni tad-Dejta, is-Superviżur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta (l-EDPS) u l-Kummissjoni mingħajr dritt tal-vot, li ttiprovdi wkoll is-segretarjat. Ara: http://ec.europa.eu/justice/policies/privacy/workinggroup/index_en.htm.

uniformi tar-regoli tal-protezzjoni tad-dejta fuq livell nazzjonali. Madanakollu, l-applikazzjoni u l-interpretazzjoni diverġenti kontinwa tar-regoli tal-UE mill-Awtoritajiet tal-Protezzjoni tad-Dejta, anke meta l-isfidi għall-protezzjoni tad-dejta huma l-istess madwar l-UE, jitolbu t-tisħiħ tar-rwol tal-Grupp ta' Ħidma, fil-koordinament tal-pożizzjonijiet tad-DPA, li jiżguraw applikazzjoni aktar uniformi flivell nazzjonali u għalhekk livell ekwivalent tal-protezzjoni tad-dejta.

Il-Kummissjoni se teżamina:

- kif **issaħħa, tikkjarifika u tarmonizza l-istatus u s-setgħat tal-Awtoritajiet tal-Protezzjoni tad-Dejta nazzjonali** fil-qafas legali l-ġdid, inkluż l-implimentazzjoni sħiħa tal-kunċett 'indipendenza sħiħa'⁵¹;
- metodi biex **ittejeb il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni bejn l-Awtoritajiet tal-Protezzjoni tad-Dejta**;
- kif tiżgura applikazzjoni aktar konsistenti tar-regoli tal-protezzjoni tad-dejta tal-UE fis-suq intern. Dan jista' jinkludi **t-tisħiħ tar-rwol tas-superviżuri nazzjonali tal-protezzjoni tad-dejta, koordinament aħjar tax-xogħol tagħhom permezz tal-Grupp ta' Ħidma Artikolu 29 (li għandu jsir korp aktar trasparenti) u/jew il-ħolqien ta' mekkaniżmu għall-iżgurar tal-konsistenza fis-suq intern taħt l-awtorità tal-Kummissjoni Ewropea.**

3. KONKLUŻJONI: IT-TRIQ 'IL QUDDIEM

Bħat-teknoloġija, il-mod kif tintuża u tinqasam id-dejta personali fis-soċjetà tagħna qed jinbidel il-ħin kollu. Dan iġib sfidi għal-leġiżlaturi biex jistabbilixxu qafas leġiżlattivi li jibqa' validu matul iż-żmien. Fit-tmiem tal-proċess ta' riforma, ir-regoli tal-protezzjoni tad-dejta tal-Ewropa għandhom ikompli jiggarrantixxu livell għoli ta' protezzjoni u jipprovdu ċertezza legalli, lill-individwi, lill-amministrazzjonijiet pubbliċi u lin-negozji bl-istess mod għal għadd ta' ġenerazzjonijiet. Minkejja l-kumplessità tas-sitwazzjoni jew is-sofistikazzjoni tat-teknoloġija, irid ikun hemm ċarezza fir-rigward tar-regoli u l-istandards applikabbli li l-awtoritajiet nazzjonali jridu jinfuraw u li n-negozji u l-iżviluppaturi tat-teknoloġija jridu jikkonformaw magħhom. L-individwi jrid ikollhom ukoll ċarezza dwar id-drittijiet li jgawdu.

L-istrateġija komprensiva tal-Kummissjoni biex tindirizza l-kwistjonijiet u tikseb l-għanijiet ewlenin issottolineati f'din il-Komunikazzjoni se sservi bħala l-bażi għal aktar diskussjonijiet mal-istituzzjonijiet Ewropej l-oħra u partijiet oħra interessati u wara se tissarraf fi proposti u miżuri konkreti kemm ta' natura leġiżlattiva kif ukoll non-leġiżlattiva. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni tilqa' l-feedback dwar il-kwistjonijiet imqajma f'din il-Komunikazzjoni.

Fuq din il-bażi, wara l-valutazzjoni tal-impatt u filwaqt li jittieħed kont tal-Karta tal-UE tad-Drittijiet Fundamentali, il-Kummissjoni se **tipproponi leġiżlazzjoni fl-2011** mmirata li tirrevedi l-qafas legali għall-protezzjoni tad-dejta bil-għan li ssaħħa il-pożizzjoni tal-UE fil-protezzjoni tad-dejta personali tal-individwu fil-kuntest tal-politiki kollha tal-UE, inkluż l-infurzar tal-liġi u l-prevenzjoni tal-kriminalità filwaqt li jittieħed kont tal-ispeċifitajiet ta'

⁵⁰ Il-Grupp ta' Ħidma Artikolu 29 għandu r-rwol li jagħti parir lill-Kummissjoni dwar il-livell ta' protezzjoni fl-UE u fpajjizi terzi u fuq kull miżura oħra relatata mal-ipproċessar tad-dejta personali.

⁵¹ Ara s-sentenza tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja tad-9.3.2010, il-Kummissjoni v il-Ġermanja, Każ C-518/07.

dawn l-oqsma. Miżuri non-leġiżlattivi, bħall-inkoraġġiment tal-awto-regolamentazzjoni u l-esplorazzjoni tal-fattibilità ta' siġilli tal-privatezza tal-UE, jiġu segwiti b'mod parallel.

Bħala t-tieni pass, il-Kummissjoni **se tevalwa l-bżonn li jiġu adottati strumenti legali oħra** għall-qafas ġenerali l-ġdid tal-protezzjoni tad-dejta. Dan jikkonċerna, l-ewwel nett, ir-Regolament (KE) Nru 45/2001, li d-dispożizzjonijiet tiegħu jridu jiġu adottati għall-qafas legali ġenerali l-ġdid. L-impatt fuq strumenti settorali oħra jkollu bżonn ukoll li jiġi eżaminat bir-reqqa fi stadju aktar tard.

Il-Kummissjoni se tkompli tiżgura wkoll il-monitoraġġ kif suppost tal-implimentazzjoni korretta tal-liġi tal-Unjoni f'dan il-qasam, billi ssegwi **politika attiva ta' ksur** fejn ir-regoli tal-protezzjoni tad-dejta tal-Ue ma jiġux applikati u implimentati b'mod korrett. Fil-fatt ir-reviżjoni kurrenti tal-istrumenti tal-protezzjoni tad-dejta, ma taffettwax l-obbligu tal-Istati Membri li jimplimentaw u jiżguraw l-applikazzjoni sewwa tal-istrumenti legali eżistenti dwar il-protezzjoni tad-dejta personali⁵².

Livell għoli u uniformi tal-protezzjoni tad-dejta fi ħdan l-UE ikun l-aħjar mod għall-approvazzjoni u l-promozzjoni tal-istandards tal-protezzjoni tad-dejta tal-UE madwar id-dinja.

⁵² Dan jinkludi wkoll id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/JHA: L-Istati Membri jridu jieħdu l-passi neċessarji biex jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni Qafas qabel is-27 ta' Novembru 2010.